

PROGRAMM TAL-FESTA TA'

# SAN GILJAN

29 ta' Awwissu 1976

**OKKAŻJONI UNIKA**

**TITLOB POST UNIKU**

AGĦMEL IR-RIĊEVIMENT TAT-TIEĠ TIEGĦEK

FIS-SALA SABIĦA U KBIRA TAL-

# HOTEL VILLA ROSA

qalb ħdura, u b'veduta tal-baħar mill-isbaħ.

**Tel. 30041**

**MASTERS' HALL and STABLES**

# OLD VILLA ROSA

**St. George's Bay** **St. Julian's**

**Tel. 30041 — 30075** **Malta.**

Medieval Banqueting with a full 3-hour show which ranges from a not too accurate history of the Great Siege to a remarkable demonstration of Kung Fu.

Sing along with the GREENFIELDS Folk Group.

Atmosphere entirely Maltese.

Souvenir is given.

THE

# MARQUIS ROOM




*Dine à la carte by candlelight and dance until the small hours with the Spiro Zammit Trio.*

*Complete your evening in Malta's only Casino.*
*OPEN NIGHTLY*

*Kindly phone 30061 for a table reservation.*
*Last Orders 12.30 a.m.*

The Kursaal Co. Ltd.

**Dragonara Palace Casino**
ST. JULIAN'S TELEPHONE: 30061


"White Label"
FINE SCOTCH WHISKY
White Label
FINE SCOTCH WHISKY
Dewar's
John Dewar & Sons Ltd
PERTH
With Dewar's "White Label"
everyone is
a Scotsman at heart.
Dewar's "White Label"-it never varies.

# BORG BARTHET BROS. LTD.

## St. Luke's Road – G'Mangia

tel: 620929
28735

**the Do**
**It**
**Yourself centre.**

**agents & stockists for:—**

furniture fittings
laminated plastics
handiboard
door handles
glues
varnishes
hand tools
plastic extrusions
electrical tools
chairs
louvres
curtain rails
etc.
etc.
etc.

# PEARCE DUFF

**(MAKERS OF FINE FOODS SINCE 1847)**

BEAT THE SUMMER THIRST
WITH PEARCE DUFF JELLY TABLETS
AVAILABLE IN
STRAWBERRY — LEMON — ORANGE — RASPBERRY
QUICK AND EASY TO MAKE.

Trade Enquiries:
**M. DEMAJO AND COMPANY LIMITED,**
**5 FREDERICK STREET,**
**VALLETTA.**
**Tel: 27749, 625644.**




Trade Enquiries:

**COLLIS WILLIAMS — VALLETTA**
**Tel: 24104**




*Ftakru li issa l-pakketti vojta ta'*

**FOSTER CLARK**

*jistgħu jinbidlu ma' stampi*

*kuluriti fuq l-istorja tal-baħar*

*Staqsi lill-grocer tiegħek għal aktar*

*dettalji fuq din l-offerta u itlob*

**ALBUM B'XEJN**

*tal-prodotti ta' FOSTER CLARK*

# The Renault 5TL:
# Fun to drive



## *and easy to live with . . . for common sense motoring*

If you need a word to describe the Renault 5TL, it's "fun"!
You'll never be left standing at the lights because it can do a standing start 400 meters in 21.5 seconds. And it can be tucked neatly away in the smallest packing space as it's only 11' 6" long. But when you're out on the open road the 44 bhp DIN engine enables you to overtake quickly, climb steep hills with ease and on every bend you'll notice the good road holding from front wheel drive and independent suspension. Small? No. Just compact outside and very spacious inside.
Doesn't that make it easy to live with? The Renault 5TL: it will give you everything you want — and common sense motoring as well.

**KIND'S**
**GZIRA**
**Telephone 30031**

**RENAULT**

LION BRAND

FINEST PURE TEA

FOR THE BEST VALUE IN FOOD

DELIVERY ANYWHERE

# SPINOLA

## SELF-SERVICE

ST. JULIAN'S

Tel. 35962

# IL-KELMA TAL-KAPPILLAN

Bla dubju ta' xejn il-festa titulari hija l-aktar avveniment klamoruż tal-parroċċa, mhux biss mil-lat reliġjuż, imma anki jekk tħares lejha minn angoli oħra. Iċċaqlaq magħha ħafna attivita, kemm fil-knisja u kemm barra. U tinteressa ħafna nies, mhux biss tal-lokal fejn tkun qed tiġi ċelebrata, imma anki minn bnadi oħra. U jieħdu pjaċir biha wkoll it-turisti u l-barranin.

Iż-żmenijiet tbiddlu u ħafna affarijiet li kienu popolari fl-antik qed jispiċċaw jew jinqerdu għal kollox, imma, b'danakollu il-festi għadhom popolari ferm. U naħseb li jibqgħu. Għalkemm illum daħlu ħafna elementi ġodda, il-qofol tal-festa għadu l-istess bħal ma kien fl-antik. Il-baned u l-marċijiet, il-funzjonijiet fil-knisja u l-purċissjoni, il-murtali, il-ġiġġifogu, l-armar u l-mixgħela tat-toroq, tal-qubbajd, il-ġostra u tant affarijiet oħra.

Il-festa titlob ħafna preparazzjoni u ħafna xogħol. Imma mingħajr xogħol u mingħajr sagrifiċċju ma jsir xejn. U ħafna drabi tant tinvolvina illi l-veru skop tal-festa jaħarbilna minn idejna. U l-veru skop tal-festa huwa reliġjuż, li nonoraw bid-deher u esternament lill-patrun tagħna u b'hekk nagħtu qima lil Alla. Dari — la darba qed nagħmlu paragun bejn dari u llum — il-knejjes kienu jkunu fgati bin-nies għall-funzjonijiet. U l-funzjonijiet kienu jieħdu s-siegħat, mhux bħal-lum, inqisu l-minuti biex ma ndumux ħafna. U b'danakollu n-nies naqset. Il-quddiesa solenni tal-festa flok ifittxuha iżjed, jaraw kif jagħmlu biex jevitawha. Il-gwaj hu li waqt li l-entużjażmu naqas ħafna fl-aspett reliġjuż tal-festi, nistgħu ngħidu li żdied fl-aspett soċjali u rikreattiv tagħhom. Mhux għax ma neħdux pjaċir naraw lin-nies igawdu, imma nixtiequ narawhom igawdu ta' nsara, dejjem, imma speċjalment fl-okkażjoni tal-festa.

Nixtieq li dis-sena nara ħafna aktar parruċċani jieħdu sehem fl-attivitajiet reliġjużi li qed jiġu organizzati għall-ġranet ta' qabel il-festa. Biex kulħadd jipprepara ruħu kif jixraq għall-tqarbina ġenerali f'jum il-festa. B'hekk San Ġiljan jieħu pjaċir bina mis-sema u jipproteġina.

Inselli għalikhom u l-Bambin iberrikkhom.

**Dun Ġwann Galea,**

Kappillan

# DAINA

## Motor Bus Coy. Ltd.



## BUSES FOR HIRE



Dial 30621 — 33685

Suppliers of

DISTILLED WATER

# A. BONELLO

# & CO.

Agents

Distributors

SIMONDS - FARSONS - CISK LTD.

GZIRA

Tel. 30447

# IL-FESTA: DARI U LLUM

F'dan l-artiklu se nipprova nagħmel xi ħaġa mhux tas-soltu, fis-sens li intom imdorrijin taqraw x'jaħseb l-awtur tal-artiklu. Illum għalhekk mhux se ngħidilkom x'naħseb jien fuq il-festa, u x'jogħġobni u ma jogħġobniex fiha, iżda se naraw ftit intom stess, xi wħud mill-parruċċani Ġiljaniżi, x'taħsbu fuq il-festa. Għalhekk, jiena staqsejt sitta min-nies ta' etajiet differenti u ħadt minn għandhom xi impressjonijiet fuq il-festa, kif kienet issir fl-antik, x'jidrilhom mill-festa kif qed issir illum, l-armar, in-nar, il-baned, u l-festi ta' ġewwa, u x'jaħsbu li jista' jsir għall-aħjar.

L-ewwel li staqsejt kienet Lukarda Cefai ta' 43 Lapsi Str. Hija tiftakar b'mod partikulari l-marċ li kien isir filgħodu nhar il-festa. Tgħid li kien isir bi briju liema bħalu filwaqt li l-banda kienet tkun fl-aqwa tagħha dak in-nhar. Tiftakar ukoll il-ġostra bil-banda ta' Indri ddoqq fuqha, u t-tiġrijiet tad-dgħajjes fil-bajja ta' Spinola. Semmiet ukoll li kien isir 'wire' twil u fuqu jagħmlu vapur biż-żejt jiġri minn tarf għall-ieħor. Semmiet ukoll id-dekorazzjonijiet li kienu jsiru fit-toroq, li minnhom hija stess kellha sehem kbir fihom biex ħietithom. Tista' tgħid li l-maġġoranza tagħhom huma kollha xogħolha, u fosthom se naraw sett ġdid din is-sena fi Triq St. Anġelo. Però jiddispjaċiha li dawk il-ħafna tazzi biż-żejt, lampi, fjakkoli u tiżjin ieħor illum ma għadhomx jintramaw. Semmiet ukoll kemm ir-raġel tagħha, Salvu s-Sagristan kien iħabrek u jiġri biex jixtri s-sett kandlieri u appostli li jintramaw fil-Knisja l-Qadima.

Avveniment importanti li semmiet Lukarda kien l-ewwel induratura tal-istatwa u kif meta tlestiet, il-vara inġiebet mis-Salezjani f'tas-Sliema akkumpanjata bil-banda u bi briju liema bħalu. Dan kien fl-1922. Lukarda fl-aħħar xtaqet li ssir aktar attenzjoni lill-Knisja l-Qadima u lil Lapsi Str., li kif sejħitilha hi stess, hija "it-triq ta' San Ġiljan". Tixtieq ukoll li n-nies juru aktar interess fil-festa, b'mod partikulari fil-funzjonijiet ta' ġewwa.

Imbagħad tkellimt ma' Anġla Agius ta' 4, Lapsi Str., u bdiet biex qaltli li għalkemm kienet festa ta' ferħ, in-nies kienu jġibu ruħhom tajjeb, bil-briju, iżda b'ċerta devozzjoni, fi spirtu ferrieħi iżda wkoll b'ċerta serjetà. Tiftakar fit-tiżjin li kien isir, id-dawl biż-żejt minflok bl-elettriku, bi Grenfell Str., mimlija bandieri, iżda mill-bqija fqira ħafna. Tiftakar ukoll iġ-ġiġġifogu li kien isir ftit il-fuq minn fejn qed isir bħalissa, peress li ma kienx hemm bini dak iż-żmien. Kompliet qaltli, "imbagħad billi beda jinbena ħafna bini, beda jsir aktar 'l isfel, u issa qed isir kważi fil-baħar — iżda dejjem fixx, fixx, fixx niftakar jien, u xejn aktar speċjali".

Semmietli wkoll avventura tar-reffiegħa. Qaltli li kienu jġorru magħhom waqt il-purċissjoni kitla bil-misħun u flixkun maskta, u jixorbuh bejniethom fit-triq. Imbagħad wara l-purċissjoni kienet titla l-Banda

ta' Indri fi Triq St. Angelo u r-reffiegħa, "bil-qatra nbid li kien kellhom ġo fihom, u bil-qatra itjeb li kien iżidilhom il-kappillan, kienu jmorru jiżfnu quddiem il-banda." Iżda malli tkun dieħla l-vara ma kienx ikun hemm għajjat u ċapċip bħal-lum — iżda kien jindaqq l-innu mill-banda u kulħadd ikanta l-"Lil Ġiljan Bniedem tas-Sema". Semmiet ukoll meta t-tfal kienu mingħalihom jisirqu l-qubbajt, u meta jmorru biex jikluha, minflok isibu blokka injam f'karta kkulurita. Kien isir ukoll il-bejgħ tal-ilma, bis-½d it-tazza. Waqt il-marċ kienu jakkumpanjaw l-irġiel biss — in-nisa jħarsu biss. Ftakret ukoll kif fi Grenfell Str., li dak iż-żmien kienu jabitawha xi villeġġjanti, u minflok joħorġu għall-purċissjoni, kienu jibqgħu ġewwa jilgħabu r-"rummy". Fl-aħħar ftakret ukoll fi żmien il-gwerra, iżda fuq din ma qalet xejn, għas-sempliċi raġuni li ma kien isir xejn

Tkellimt wara ma' Ġiljan Grech ta' 50 Lapsi Str., li forsi għandu l-aktar memorji mbiegħdin. Beda biex semma wkoll il-briju tal-marċ ta' filgħodu li kien jieqaf eżatt malli jibda l-paniġirku tal-Quddiesa Kantata. Semma b'mod partikolari, u b'kuntrast għal-lum, l-interess tan-nies għall-festi ta' ġewwa. Semma wkoll it-tiżjin li kien jarma Salvu s-Sagristan ġo l-Knisja. Ftakar ukoll kif f'Lapsi Str., St. Angelo Str., u B'Kara Hill kienu jsiru l-maskli u lejliet u nhar il-festa, u f'nofs in-nhar, kienu jisparawhom. Ġiljan qalli wkoll bil-fratellanzi li kien hawn dak iż-żmien: ta' San Ġużepp, tar-Ružarju u tas-Sagrament, li minnhom illum kull ma baqa' huma ftit tas-Sagrament.

Ġiljan semma wkoll li kienu jagħmlu ħafna stendardi għal waqt il-marċ, bil-girlandi tar-rand imwaħħlin fuq u bit-torċa tixgħel u ddaħħan imwaħħla ma' fuq ukoll. Kienu bnadar twal, daqs dawk tal-Fratellanzi. Ġiljan semma fatt interessanti ħafna fuq il-baned. Fl-1906, fi żmien il-Kappillan Bugelli, ma kienx għad hawn banda ta' San Ġiljan, u għalhekk il-Kappillan kien jordna waħda huwa. Iżda s-sinjuri ta' dak iż-żmien riedu jġibu l-banda "La Vallette" però l-Kappillan ma tahomx permess. "X'għamlu?" kompla jgħidli Ġiljan, "ġabuha tmint'ijiem wara, u f'nofs il-marċ infetħu bwieb is-sema u bdiet nieżla xita, tant li t-tazzi li kienu għadhom armati, minflok biż-żejt, imtlew bl-ilma." Nimmaġina li ħaduha t-tagħlima.

Imbagħad tkellimt ma' ġenerazzjoni aktar żgħażugħa. Bdejt biex staqsejt lil Lonza Scicluna ta' 4, Bay Str., u qaltli li l-aktar li kien jimpressjonaha kien it-tridu tal-festa, bl-orkestra ta' Nani. Ftakret fil-briju li kien isir fit-telgħa ta' Lapsi, b'ħafna mixgħela ta' gassijiet u kant tal-innu. Semmiet li sports li kien isir fis-St. Julian Aquatic Centre — għawm, waterpolo, u attivitajiet oħra. Semmietli wkoll it-tiżjin fid-dar "dari konna narmaw għall-okkażjoni, bil-purtieri jiddendlu darba f'sena, u l-libsa tinħiet għall-festa. Iżda llum, id-dar kulħadd armata s-sena kollha, ilbiesi kulħadd iħiet kemm irid u meta jrid." Hija kienet minn dejjem involuta fix-xalata l-għada tal-festa, u għalhekk tieħu ħsieb tiġbor in-nies u l-flus għall-karrozzi biex it-Tnejn fil-għodu kulħadd jerħilha għall-baħar, u l-flus li kienu jinġabru kienu jingħataw għall-Knisja. Fl-aħħar, hija ssuġġeriet

(ikompli f'paġna 40)

C U
Assurance

# FOR ALL CLASSES OF INSURANCE
# C.U. WILL SEE YOU
# BETTER PROTECTED

Local Agents:

**COMMERCIAL UNION MALTA (AGENCY)**

**LIMITED**

**St. Paul's Court, Bisazza Street, Sliema**

Telephone 38404

# Fine furniture & furnishings



# at JOINWELL

* G-Plan contemporary furniture
* Reprodux reproduction furniture
* Lampstands and shades
* Soft furnishings – fabrics, carpeting and household linen

**Joinwell Showrooms**
Tower Road, Sliema. Tel. 34430


ENJOY YOUR SUMMER
with
SUNURA
Fruit
Squashes
A COLEIRO BROS. PRODUCT
TEL. No. 27748
MALTA PRODUCE
SUNURA
ORANGE SQUASH
COLEIRO BROTHERS LTD
MALTA PRODUCE
SUNURA
STRAWBERRY
COLEIRO BROTHERS LTD
MALTA PRODUCE
SUNURA
ORGEAT
COLEIRO BROTHERS LTD
MALTA PRODUCE
SUNURA
LEMON SQUASH
DILUTE TO TASTE
COLEIRO BROTHERS LTD

CASSAR & COOPER

# Whether it's Insurance Shipping & Forwarding Travel Real Estate It's Cassar & Cooper

The Cassar & Cooper Group of Companies offer a Supermarket specialised service in **Insurance** (all classes including Medical), **Shipping & Forwarding** (Airfreight, Air Charters, Packing, Sea Freight, Trailers and Containers), **Travel** (Air, Sea and Hotel bookings) and **Real Estate** (Buying, Selling, Property Management, Valuations and Surveys).

For any of these services call at one of the offices of the

**Cassar & Cooper Group of Companies**

**Valletta** Valletta Buildings, South Street. Tel: 24226/7, 23231/2
**Sliema** St. Anne Court, Tigne Sea Front. Tel: 36348, 37096
**St. Julians** 47, St. George's Road. Tel: 30903, 37095
**Luqa** Air Cargo House, Luqa By Pass and Main Concourse Luqa Airport. Tel: 22952/3/4/5

**INSURANCE, SHIPPING & FORWARDING, TRAVEL AND REAL ESTATE** SERVICES OFFERED BY



**CASSAR & COOPER**
**GOOD PEOPLE TO DEAL WITH**

5A/76

For all your Laundry requirements

call at

# SQUARE DEAL

PROMPT AND RELIABLE SERVICE

THROUGHOUT

CROSSROAD, MALTA

Tel. 20800 — 20606

Branches at:

ST. JULIAN'S — MARSA — SLIEMA — PAOLA

## FREE HOT WATER!

with BEASLEY

SOLAR HOT WATER SYSTEM

More and more people in Malta now enjoy an abundant supply of free hot water simply by using HEAT FROM THE SUN as a sole heating agent.
There is a BEASLEY solar hot water system to meet your requirements, whether you are a family of two or more. This system is simple to install, even in conjunction with an existing hot water plumbing installation.

- **Enjoy abundant supply of hot water**
- **Save on your gas/electricity bills**

**INSTALL A BEASLEY solar hot water system TODAY and you really get SOMETHING FOR NOTHING!**
**Demonstrations and free expert advice at:**

BIM LTD. INDUSTRIAL ESTATE MARSA

Tel. 25411, 26170

YOU'LL BE HAPPY TO OWN A

# TELEFUNKEN

## TELEVISION

- OUTSTANDING QUALITY
- PERFORMANCE
- RELIABILITY

Telefunken Agency:

## L. MIFSUD

**330, PRINCE OF WALES ROAD — SLIEMA**

**29A/D, ST. TROPHIMUS STR. — SLIEMA**

**Dial 30130**

TIMBERS - PLYWOOD - PAINTS - CEMENT -
NEOCAST (Reeded Hardboard) WALLBOARDS
SNOWCEM (Decorative Waterproof Coating) —
DECORATIVE CHALK PANELLING and
ALL OTHER BUILDING MATERIAL

# PETER CAMILLERI & SONS LTD.

## ESTABLISHED 1856

Head Office:

14, CROSS ROAD — MARSA

Stores:

3, 4, 5, 6, CHURCH WHARF — MARSA

12, 15, 16, 17, 18, CROSS ROAD — MARSA

Cables: Peter Malta

**Telephone: 25153 - 20258**

PROGR

FESTI TA' GEWWA

**IT-TNEJN, 23 TA' AWISSU — Jum it-Tfal:**

7.00 p.m. Quddies Folk għat-tfal kollha tal-Parroċċa. Iqaddes Dun Philip Demarco. Wara l-Quddiesa noħorġu l-vara min-niċċa u jitkanta l-Innu lil San Ġiljan.

**L-ERGĦA, 25 TA' AWISSU — Il-Parroċċa Komunità ta' Fidi:**

6.30 p.m. Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla fuq "San Ġiljan, mudell tal-fidi nisranija". Jippresiedi Dun Ġiljan Cassar.

7.00 p.m. Quddiesa ċelebrata minn Patri Leopoldo Tabone, Kappillan ta' San Ġwann, bl-omelija fuq "In-nisrani jgħix bil-fidi."

**IL-ĦAMIS, 26 TA' AWISSU — Il-Parroċċa Kommunità ta' Tama:**

6.30 p.m. Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla fuq "San Ġiljan mudell tat-tama nisranija". Jippresiedi Dun Fortunat Axiak.

7.00 p.m. Quddiesa għal ruħ dawk kollha li mietu fil-Parroċċa tagħna, iċċelebrata minn Patri Vinċens Portelli O.P., Kappillan ta' G'Mangia, bl-omelija fuq "In-nisrani u l-ħajja l-oħra."

**IL-ĠIMGĦA, 27 TA' AWISSU — Il-Parroċċa Kommunità ta' Mħabba:**

6.30 p.m. Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla fuq "San Ġiljan, mudell ta' l-Imħabba nisranija". Jippresiedi Dun Anton Xiberras.

7.00 p.m. Quddiesa minn Dun Fortunat Mizzi, Direttur tal-Kunsill Nazzjonali Caritas. Waqt il-Quddiesa ssir offerta għal din il-Għaqda filantropika mill-Kommunità Parrokkjali.

**IS-SIBT, 28 TA' AWISSU — LEJLET IL-FESTA:**

8.00 a.m. Quddiesa Kantata minn Dun Franġisk Zammit, għall-morda u x-xjuħ tal-Parroċċa. Wara l-Quddiesa jitkanta t-Te Deum, l-Innu u l-Antifona.

5.30 p.m. Quddiesa Knisja l-Qadima

6.00 p.m. Translazzjoni tar-Relikwija mill-Knisja l-Qadima għall-Parroċċa.

# RAMM

6.30 p.m. Quddiesa u omelija. Wara l-Quddiesa ssir Ċelebrazzjoni Ewkaristika, Innu, Antifona u Barka Sagramentali.

**IL-ĦADD, 29 TA' AWISSU — JUM IL-FESTA:**

6.00, 7.00, 8.00, 9.00, 11.00. u 12.00 Quddies.
7.00. Knisja l-Qadima
10.00 a.m. Quddiesa Kantata Solenni bl-omelija mill-W.R. Mons. Guido Calleja.

6.30 p.m. Quddiesa minn Dun Ġwann Caruana u wara toħroġ il-il-Purċissjoni mmexxija minn Mons. Guido Calleja.

Il-mużika ta' lejlet u nhar il-festa tkun taħt id-direzzjoni tas-Surmast Francis Sammut.

**FESTI TA' BARRA**

**IL-ĠIMGĦA, 29 TA' AWISSU:**

9.00 p.m. Marċijiet millBanda "San Ġiljan." Jibdew minn taħt is-Siġar (B'Kara Rd.) jitilgħu Ta' Ġorni, Birkirkara Hill, St. Angelo Street, Lapsi Street, Main Street, Spinola Bay.

**IS-SIBT, 30 TA' AWISSU — LEJLET IL-FESTA:**

9.00 p.m. Marċijiet mill-Banda "San Ġiljan", **Rotta:** Jitlaq minn ħdejn il-Knisja, Lapsi Street, St. Angelo Street, Birkirkara Hill għal Grenfell Street, Spinola Bay.

9.00 p.m. Marċijiet mill-Banda "La Victoria" tal-Mellieħa. **Rotta:** St. George's Rd., Spinola Road, Mensija Street, Forrest Street, Wied Għomor Street, Spinola Bay.

11.30 p.m. Logħob tan-nar (ġiġġifogu) fi Spinola Bay.

**IL-ĦADD, 31 TA' AWISSU — JUM IL-FESTA:**

9.30 a.m. Marċ mill-Banda "San Ġiljan."
5.30 p.m. Logħob tal-Ġostra fil-Bajja Spinola.
6.30 p.m. 'il quddiem marċi mill-Baned "St. Joseph" tal-Ħamrun u "St. Joseph" ta' Ħal Kirkop, li takkumpanja l-purċissjoni. Hi u dieħla l-vara kaxxa infernali u murtali tal-kulur miġbura mid-dilettanti ta' San Ġiljan.

If you want to go to AUSTRALIA or
TO ANY OTHER PART OF THE WORLD
please apply for full particulars to:

**SULLIVAN SKYWAYS SERVICES LTD.**

79, TIGNE STREET
SLIEMA

Tel. 32529
32559

**ISEA**

**ELECTRIC WATER HEATERS**

Għadha kemm waslitilna kunsinna kbira ta'
electric water heaters li jistgħu
jinkisbu bi prezzijiet "wholesale"
mingħand

**British Overseas Trading Co. Ltd.**

**Exchange Buildings, Republic Str., Valletta**

**Telephone: 22372 - 22730 - 25127 - 22785**



## Asbestos Cement Water Tanks

Will ensure
an abundant supply of water
throughout the house

*Available from 20 to 220 Gallons*

ASBESTOS CEMENT SEWER
AND RAIN WATER PIPES
ALSO AVAILABLE

Trade enquiries:

# FORESTALS LTD.

54/59, COAL WHARF, MARSA

**Tel: 25728, 25356**

# KEMM HUMA L-GILJANIZI?

## FTIT STATISTIKA

F'dawn l-aħħar snin, spiss kont niltaqa' ma' nies li jsaqsuni fuq kemm hawn nies f'pajjiżna, kemm jitwieldu fis-sena, kemm jiżżewġu, kemm imutu, u ċifri oħra bħal dawn. Biex nissodisfa lil dawn kollha u lil min irid ikun jaf xi statistiċi fuq il-parroċċa tagħna, hawn għandkom xi ftit dettalji li għandhom fuq kollox jinteressaw lill-kulħadd.

Qabel xejn, fuq il-popolazzjoni ta' San Ġiljan, ma nistax ngħid eżattament kemm hawn nies joqgħodu fil-parroċċa tagħna, kemm għax din qed tiżdied kull sena, u kemm għax ċifri eżatti ma għandix f'idejja. Għandi però n-numri ta' familji li jabitaw f'San Ġiljan.

Se naqsmu l-parroċċa f'erba' partijiet. L-ewwel parti hija n-naħa ta' fuq tal-Knisja (Lapsi Str., Main Str., B'Kara Hill, Ta' Giorni, sa B'Kara Rd. u l-Kappara). F'din il-parti hawn 620 familja. Fit-tieni parti li tikkonsisti fin-naħa t'isfel tal-Knisja (Grenfell Str., Mensija Str., Spinola Rd. sat-Telegraph) hawn 490 familji. Fit-tielet parti li jinkludi l-Gardens, l-Uppers Gardens u St. Andrew's, hawn 260 familji. Fl-aħħar parti li tikkonsisti f'Paceville kollu hemm 150 familja. B'kollox mela, f'San Ġiljan hawn bejn wieħed u ieħor 1520 familja. Jekk nieħdu li kull familja għandha 5 membri, jirriżulta li l-popolazzjoni tkun xi 7,600. Jekk nieħdu mbagħad li kull familja għandha 6 membri, il-popolazzjoni titla xi 9,120. F'kelma waħda, numru preċiż ma nistgħux ngħatuh, imma nistgħu ngħidu biss li l-parroċċa tagħna tħaddan xi ħaġa bejn it-8,000 u d-9,000. Min irid ikun aktar preċiż, jieħu paċenzja jgħoddhom, u nieħdu pjaċir jekk javżana bir-riżultat.

Niġu issa għal xi statistiċi oħra u naraw kemm żdidna, kemm inqasna, kemm minna żżewwġu, eċċetra eċċetra. Se nagħti n-numri ta' dawn kollha skond l-aħħar għaxar snin.

| | Magħmudijiet | Griżma Tal-Isqof | Zwiġijiet | Imwiet |
|---|---|---|---|---|
| 1966 | 127 | 108 | 39 | 40 |
| 1967 | 104 | 111 | 51 | 42 |
| 1968 | 115 | 118 | 56 | 29 |
| 1969 | 115 | 129 | 52 | 41 |
| 1970 | 117 | 91 | 56 | 43 |
| 1971 | 108 | 102 | 54 | 40 |
| 1972 | 119 | 124 | 70 | 40 |
| 1973 | 116 | 139 | 78 | 43 |
| 1974 | 126 | — | 76 | 30 |
| 1975 | 129 | 30 | 70 | .24 |
| 1976 | | 91 | | |

Minn dawn iċ-ċifri, nistgħu naraw kemm il-popolazzjoni ta' San Ġiljan qed issir dejjem aktar żgħażugħa. Infatti, il-magħmudijiet żdiedu ftit f'dawn l-aħħar sentejn, iż-żwiġijiet żdiedu ħafna f'dawn l-aħħar erba' snin, u minn naħa l-oħra, l-imwiet naqsu ftit f'dawn l-aħħar sentejn. Irraġuni hija sempliċi u tistgħu tarawha b'għajnekom stess: iż-żieda ta' ħafna bini ġdid fil-Gardens, Ta' Giorni, Paceville u nħawi oħra, ġab ħafna familji żgħar ġodda, u għalhekk żdiedu ż-żwiġijiet u l-magħmudijiet. Dan biex taraw kemm għandna parroċċa żgħażugħa!

Jekk nerġgħu nħarsu lejn l-istatistika, naraw li bħala 'average', kellna 117 magħmudija fis-sena (dejjem fl-aħħar għaxar snin), 104 għall-Griżma ta' l-Isqof, 60 żwieġ fis-sena u rata ta' madwar 37 mewt fis-sena. Fil-Griżma ta' l-Isqof tindunaw li fl-aħħar tlett snin, in-numru ta' tfal li għamlu l-Griżma naqsu ħafna. Dan għaliex l-età biex wieħed jagħmel il-Griżma żdiedet. Infatti, fl-1974 lanqas saret għaliex tfal b'dik l-età ma kien hawn ħadd (s'intendi għax laħqu għamluha sena qabel).

Dan kien biss ftit tagħrif ġenerali fuq il-parruċċani Ġiljaniżi. Forsi ma serviet għal xejn, imma għallinqas indunajna kemm għandna popolazzjoni żgħażugħa. Nittamaw li dan l-element żgħażugħ iħalli ftit effett u frott fil-parroċċa tagħna, speċjalment billi narawhom aktar spiss fil-knisja u fost l-għaqdiet.

**Dun Ġiljan**



**Il-Bandisti l-ġodda li ħarġu din is-sena: (fuq wara mix-xellug) Paul Cassar (kurunetta), Julian Bonello (kurunetta).**

**Quddiem: Ġużi Bonello (kurunetta) u Henry Borg (flawt).**

**Fin-nofs jidher is-Surmast tal-Banda, is-Surmast Alfred Dimech A. Mus. L.C.M.**



The independent cooker from Philips.
Independent, because it makes its own gas from kerosene. So you can use it anywhere. In country or town. The unique automatic gasifier system converts the low-cost fuel into safe, odourless gas. Simply light the pilot burner, then the cooker is always ready for immediate use.
The three-burner hob, plus a spacious oven with large window and built-in thermometer, give you all the facilities you need for versatile cooking. The Philips kerosene cooker is economical, easy to use and - most important of all - absolutely safe. See it at your dealer's today.
Philips Showrooms 282, Republic Str., Valletta and Philips dealers throughout Malta and Gozo.
PHILIPS
We want you to have the best

# COINTREAU

*an Elegant Way of Relaxing*




IL-FORTIZZA
TRATTORIA
Dine inside or 'al fresco' overlooking the sea. Choose from our home-made Pasta Dishes and Italian specialities pre pared by our Italian Chef.
Lunch: Noon — 2.30 p.m. daily
Dinner: 8 - 11 p.m. daily
PIZZERIA
Enjoy a Genuine Pizza from our exclusive range, on any day of the week.
Tower Road Sliema
Tel: 36908




**J. & D. DALLI**

2, Jetties Wharf, Marsa Tel. 26845

# ORZOLI'

COFFEE SUBSTITUTE
that calm the nerves

*Available in small jars of 60 and 100 grs.*
*Also in attractive usable big jars of 600 grams*
*All at very low prices.*

Trade Enquiries:

**VINCENT SCHEMBRI**

**46, ST. PAUL STREET, VALLETTA**
**Tel. 27591**



Wrangler
casual wear
A style
all your own
Manufactured by
BLUE BELL (MALTA) LTD.
Subsidiary of BLUE BELL INC
LOCAL DIRECTOR:
J. CARUANA MONTALDO, L.P., A.C.I.I.,
F.I. ARB.

# MILL-KAZIN TAL-BANDA .....

**Bandisti Ġodda.**

Għal dawn l-aħħar tlett snin, bil-ħidma ħabrieka u assidwa tas-Surmast Alfred Dimech, il-banda ta' San Ġiljan kull sena, għall-okkażjoni tal-festa, żdiedet b'xi elementi ġodda u żagħżugħa. Din is-sena se naraw lil Paul Cassar u Julian Bonello bil-kurunetti, u lil Henry Borg bil-flawt idoqqu għall-ewwel darba mal-banda. Dawn il-bandisti żgħażagħ, bl-entużjażmu tagħhom, magħqud ma' l-esperjenza ta' bandisti anzjani li qed jerġgħu jagħtu s-servizzi tagħhom huma l-isperanza tal-futur. Il-banda reġgħet bdiet tieħu l-ħajja, u issa in-numru ta' bandisti tal-post huwa diġà madwar it-tletin.

Din is-sena wkoll għall-okkażjoni tal-festa il-banda ta' San Ġiljan sa żżanżan sett marċi ġodda. Dawn huma l-ismijiet tagħhom:

| | |
|---|---|
| Lucky Star | A. Dimech A. Mus., L.C.M. |
| Blue Star | A. Dimech A. Mus., L.C.M. |
| Golden Star | A. Dimech A. Mus., L.C.M. |
| Ray-Gra-Mar | A. Dimech A. Mus., L.C.M. |
| St. Julian Ospitalier | A. Dimech A. Mus., L.C.M. |
| Qawsalla | A. Dimech A. Mus., L.C.M. |
| Olympic March | A. Dimech A. Mus., L.C.M. |
| San Ġiljan W.P.C. | A. Pullicino. |

## 1977: IL-BANDA TAGĦLAQ 50 SENA

Is-sena d-dieħla sa tkun sena memorabbli għall-każin tal-banda tagħna, għax jagħlaq ħamsin sena mit-twaqqif tiegħu. Kien fis-sena 1927 li Dun Pawl Galea, il-fundatur tal-banda ta' San Ġiljan kellu s-sodisfazzjon li jisma l-ewwel grupp ta' bandisti entusjasti jdoqqu l-ewwel noti, wara ħafna xogħol ta' tħejjija. Minn dak iż-żmien 'l hawn il-banda għaddiet minn ħafna ġrajjiet, sbieħ u koroh, bħal kull ħaġ'oħra f'din id-dinja. Illum waslet biex tagħlaq ħamsin sena, u donnu l-ewwel entużjażmu li ħeġġeġ lill-pijonieri tal-banda tagħna qed jerġa' jixgħel fost il-membri u l-bandisti l-ġodda.

Il-Kumitat beħsiebu għas-sena d-dieħla jorganizza festi deċenti li jfakkru din il-ġrajja.

St Michael

# SUPERMARKETS (MALTA) LTD.

ORIGINATORS OF OPEN DISPLAY RETAILING
IN MALTA AND STILL THE LEADERS
IN THIS FIELD.
EXCLUSIVE REPRESENTATIVES OF
MARKS & SPENCER LTD.
RETAILERS OF MALTA MADE PRODUCTS
MANUFACTURED AND PACKED TO OUR
OWN SPECIFICATIONS

Stores: **The Strand, Sliema (31745 - 39581)**
**Palace Square, Valletta (624304)**
**Pioneer Road, Bugibba**

Warehouse: **Pawla Square, Pawla (622080 - 21855)**

Head Office: **Lascaris Buildings, Valletta (25917 - 24947)**

In friendly association with:

**Chains Bar & Bistro, Spinola Bay, St. Julian's (31114)**
**Royal Garage, The Strand, Gzira (30755)**

# The Award Winning New Generation Wolf Sapphires

## Smaller, lighter, even more power

CoID design award 1972 Wolf Sapphire Electric Tools

B.S.2769 1964

the DESIGN CENTRE




Agents, Service Depot:

**LEWIS J. VINCENTI,**
**MERCURY HOUSE, 125, OLD MINT STR.,**
**VALLETTA.**
**Tel: 27620**

— JEANS — JEANS — JEANS — JEANS — JEANS — JEANS

JEANS — JEANS — JEANS — JEANS — JEANS

# JEAN CENTRE

## 36, Grenfell Street, St. Julian's

(Half way between Balluta and Spinola)

JEANS — JEANS — JEANS — JEANS — JEAI

— JEANS — JEANS — JEANS — JEANS — JEANS — JEANS

# GRISCTI'S EMBROIDERIES LTD.

## Manufacturers and Exporters of Embroideries of all Kinds

Contractors to:

**MINISTRY OF DEFENCE U.K.**
**DEFENCE MINISTRY — AUSTRALIA**
**ARAB REPUBLIC OF LIBYA**
**DEFENCE MINISTRY — NEW ZEALAND**

---

**11 and 302, REPUBLIC STR., VALLETTA**

Phone: 29644 Telegrams: Embroidery

# INNU LIL SAN GILJAN

Lil Ġiljan bniedem tas-sema
Aħna nsellmu bl-ikbar ġieh
Minn għajnejna toħroġ demgħa
Meta n-nies tifħir ittih.

Int dawwalt il-pajjiż tagħna
Inti xegħelt il-poplu wkoll
Żelu kbir ta' pura mħabba
L-imrar kollu int mort tħoll.

Sptar ċkejken inti mort tiftaħ
Ħniena kbira b'hekk urejt
Int fejjaqt ħafna mard ikrah
U bl-imħabba n-nies imlejt.

Aħna lkoll miegħek induru
U noffrulek kull tifħir
Aħna mħabba lilek nuru
Meta talbna lejk itir.

Aħna lkoll madwarek qiegħda
Għarkobbtejna nitolbuk
Li l-ħżunija minna tbegħ'dha
Biex fis-sema ingawduk.

Magħqudin ilkoll ħsieb wieħed
Bukkett ċkejken aħna ntuk
Minn ġo qalbna dan jittieħed
Qima kbira b'hekk nuruk.

S.F.

FOR THE YOUNG IN FASHION . . .

JOHN GERANZI

ST. JOHN SQUARE — TOWER ROAD
VALLETTA — SLIEMA

# TA' KOLINA

## TRATTORIJA MALTIJA

SPECIALISTS

IN

MALTESE FOOD

Tower Road, Telephone

Sliema 35106

# EDGAR ARRIGO LIMITED

300, REPUBLIC STREET, VALLETTA

---

Suppliers of:

## BELL'S SCOTCH WHISKY

**Scotland's number one Scotch Whisky**

## ASBACH URALT BRANDY

**The great Brandy from the Rhine**

---

*For Enquiries, please phone 24847*

# Visit GOZO and stay at the

# CALYPSO HOTEL

in MARSALFORN

The CALYPSO is situated on the seafront overlooking the fishing harbour of Marsalforn. Most rooms have bath and terrace and all have telephone, radio and central heating (airconditioning).

BAR — RESTAURANT — LOUNGE —

ROOF — ROOF TERRACE

*Reservations: 76131*

# KURUNELLA LIL SAN GILJAN

1. F'ġieħ il-qima li nġibulek,
O Ġiljanu, Qaddis kbir,
Agħti widen lit-talb tagħna
Isma', deh, dan it-tifħir.

Quddiem Alla idħol għalina,
Sabiex ħniena jkollu minna,
U bil-ġmiel minn ta' qdusitek
Ir-ruħ tagħna iżejnilna.

**Pater, Ave, Gloria.**

2. Min-nies għonja u mill-kbarat
Għad li mnissel inti ġejt,
Sa miċ-ċokon bżajt minn Alla
U bil-qalb lilu ħabbejt.

Dan il-biżgħa, din l-imħabba,
Li jagħmluna qaddisin,
Aqilgħelna minn għand Alla
Bit-talb tiegħek ta' kull ħin.

**Pater, Ave, Gloria.**

3. Lejn missierek u lejn ommok
Li bħal ġawhra wisq għożżewk,
L-akbar qima dejjem kellek
U int ħabbejthom kif ħabbewk.

F'din il-qima, kif imissna,
Lejn missierna u lejn ommna,
Fittex int, sakemm ingħixu,
Marbutin dejjem iżżommna.

**Pater, Ave, Gloria.**

4. Bħal-żgħażagħ minn tal-kbarat
Tmur għall-kaċċa kont titħajjar,
Wara ċ-ċriev fil-boskijiet
Kont tiġġerra, kont tittajjar.

(Ikompli f'paġna 40)

Biex insiru kaċċaturi
Illi nqaddsu lill-erwieħ,
In-nar 'tina minn ta' qalbek
Biex lilhom inkebbsu bih.

**Pater, Ave, Gloria.**

5. Iċ-ċanfira minn taċ-ċerva
Lilek waħħxet u regħditek,
U biex twarrab mit-tiġrib
'Il bogħod taħrab fis ġegħlitek.

Biex inġarrbu dan il-waħx
Għall-isem ikrah tad-dnub,
Int fakkarna fi kruħitu
Sabiex minna jkun maħrub.

**Pater, Ave, Gloria.**

6. Ġara fl-aħħar li ma ridtx;
U mingħajr ma kellek ħtija
Ta' missierek u ta' ommok
Kasbart sejfek int bid-dmija.

Min ifisser liema sogħba
Ġarrabt hawn fil-qalb minn tiegħek?
Nagħdruk iva biex tagħdirna,
U nedmin nissieħbu miegħek.

**Pater, Ave, Gloria.**

7. Mort titbekka ta' bla tarf
U tinħaqar ħada xmara,
Fejn bid-dgħajsa n-nies kont tgħaddi
U teħlishom minn kull ħsara.

Id-dmugħ tiegħek aqalgħelna
U ħabbibna mal-moħqrija,
Biex ta' dnubna nsaffu t-tebgħa
U neħilsu minn kull ħtija.

**Pater, Ave, Gloria.**

## IL-FESTA: DARI U LLUM (ikompli)

li jkun hemm aktar ko-operazzjoni bejn kulħadd, speċjalment f'dak li jirrigwarda armar u tiżjin fil-festa. Hija tixtieq li jsir speċi ta' kumitat bejn ir-rappreżentanti tat-toroq li matul is-sena jieħdu ħsieb jiġbru l-flus għall-armar, pavaljuni, bandalori, eċċetra.

Tkellimt wara ma' Rose Galea ta' "Cugliat", The Gardens, u bdiet biex qalet li milli tiftakar hi, f'dawn l-aħħar snin il-festa dejjem żammet livell tajjeb, kemm f'dik li hi organiżżazzjoni kif ukoll fejn jidħol il-briju min-naħa tan-nies. Qalet li l-pont ta' quddiem il-knisja kompla kabbar l-attrazzjoni tal-festa, speċjalment meta tkun ħierġa w dieħla l-vara. Tixtieq però li tara aktar armar u tiżjin fi Grenfell Str., "li fiha ħlief ftit bozoz ma tarax, u mn'Alla tkun iż-żiffa u l-arja tal-baħar li ttaffi ftit." Fuq il-festi ta' ġewwa, tixtieq li l-liturġija tibqa' ssir kif inhi llum, sempliċi u bla ħafna tul, għax illum in-nies saret tiddejjaq bil-paniġirki twal u funzjonijiet ikkumplikati. Tixtieq ukoll li r-rotta tal-marċ għallinqas, tinvolvi anke lin-nies tal-Gardens "li huma wara kollox parti mill-parroċċa wkoll."

Semmiet il-fatt li m'għandniex indaħħlu l-politika mal-festa, għar-raġuni li m'għandhomx x'jaqsmu ma' xulxin, u fuq dan jiddispjaċiha li jista' jinqala' xi inkwiet fl-ambjent ferrieħi tal-festa minħabba raġunijiet li proprju m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-festa. Fl-aħħar semmiet in-nar. B'mod ġenerali jogħġobha ħafna, speċjalment tal-kulur, iżda l-bombi tal-ġelatina ma jogħġbuha xejn, "għax veru bla gost, u flus fil-ħela — aħjar minflok issir xi ħaġa fil-knisja jew lill-vara bil-flus li jintefqu fihom." Mill-bqija l-festa b'mod ġenerali togħġobha ħafna.

Fl-aħħar staqsejt lil Joe Bonello ta' Block A Flat 8, Ta' Giorni. L-aktar ħaġa li semma kien il-bżonn li aktar żgħażagħ u rġiel jgħinu aktar fil-festa, fit-tiżjin u fl-armar, u jikkoperaw mal-Kappillan fl-organiżżazzjoni ġenerali ħass il-bżonn li jsir Kumitat organiżżat tajjeb biex jieħu ħsieb il-festa. Jixtieq ukoll li r-rotta kemm tal-marċi kif ukoll tal-purċissjoni tinfirex aktar, ħalli l-festa tgawdiha aħjar il-parroċċa kollha. Qal ukoll li huwa mportanti li f'nhar il-festa kulħadd iqerr u jitqarben mal-familja, iżda jidhirlu li l-festi ta' ġewwa huma aktar diretti lejn ix-xjuħ, waqt li ta' barra jiġbdu aktar iż-żgħażagħ milli lix-xjuħ. Iżda l-aktar importanti "huwa li kulħadd jikkopera b'mod attiv fil-festa, u minn żmien qabel ukoll, u mhux kulħadd jidher biss dik inhar tal-festa."

**Dun Ġiljan Cassar**

## KURUNELLA LIL SAN ĠILJAN (tkompli)

8. Int kont tilqa' ġewwa darek
Hekk lill-morda u lill-fqajrin:
Ħniena għamilt int ma' dawk kollha
Li kont tilmaħ imnikktin.

B'din il-ħniena li tgħaxxaqna
Bit-talb tiegħek int agħnina
Biex lejn ħutna nuru dejjem
Qalb hekk ħelwa u ħanina.

**Pater, Ave, Gloria.**

9. Wara ħajja kollha sogħba
Alla għarrfek li ħafirlek
U dak l-Anġlu li lqajt f'darek
Mewt imqaddsa ġie ħebirlek.

Aħbar tajba kif qlajt inti
Qabel mewtna aqalgħilna
Biex għal ħdanu, u fil-qrib miegħek
Il-kbir Alla jistedinna.

**Pater, Ave, Gloria.**

# Lotterija Kbira Dr Pepper

## Ixrob Dr Pepper kiesħa u IRBAĦ YAMAHA



### L-EWWEL PREMJU

**MUTUR 200cc YAMAHA**

JEW **£M500** FLUS

### IT-TIENI PREMJU

**YAMAHA Autolube 50**

JEW **£M200** FLUS

### IT-TIELET PREMJU

**Rota LEGNANO Cross Molleggiata 70**

JEW **£M50** FLUS

**U 10** premjijiet oħra ta' **£M20** 'l wieħed

Kull 10 tappijiet ta' Dr Pepper tieħu **biljett b'xejn** u jekk tibdel 50 tapp f'daqqa tieħu wkoll **T-Shirt b'xejn.**

**Ibdel it-tappijiet ta' Dr Pepper ma' biljetti...**

IL-FERGĦA TA' FARSONS
Pjazza Ħelsien, il-Belt.

L-AĠENT TA' FARSONS
It-Tokk ir-Rabat, Għawdex.



# 22 CARAT
# 22 CARAT
# 22 CARAT
# 22 CARAT

**Add a dash of gold to your wedding.**

**Have our Golden Rolls Royce for <u>your</u> wedding.**

**WEMBLEYS**

**MALTA'S LARGEST CAR HIRE FLEET**

50, St. George's Road, St. Julians
Tel: 36649, 32074


Stamperija "IL-HAJJA"